**Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ- Għawdex**
**Triq il-Knisja, Iż-Żebbuġ**
**Nru. tat-telefon:- 21563056/27563056 Nru. tal-Fax:- 21563322**
**E-mail:- zebbug.gozo.lc@gov.mt Website:- zebbuggozo.com**

# AVVIŻI MILL-KUNSILL LOKALI IŻ-ŻEBBUĠ

## IL-ĦARĠA KULTURALI LI JMISS GĦAL MALTA NOVEMBRU 2011

Il-ħarġa kulturali li jmiss sejrin norganizzawha nhar il-Erbgħa 30 ta' Novembru 2011 ġewwa Malta. Ser niltaqgħu fi Pjazza l-Assunta fis-6.45 a.m. biex immorru mal-vapur tas-7.30 a.m. u fost il-postijiet li diġa għandna kkonfermati li ser inżuru ser nibdew din il-ħarġa bil-quddiesa fil-Knisja ta' Santa Marija Assunta fl-Imġarr u wara mistednin għal-kafe għand is-Sindku u l-Kunsill Lokali tal-Imġarr is-Sur Pawlu Vella. Il-programm ser ikun jinkludi ħin fuq il-monti ta' Birkirkara kif ukoll qegħdin nagħmlu l-arranġamenti mal-Ispeaker tal-Parlament l-Onor. Dr. Michael Frendo biex inkunu nistgħu nattendu għal parti minn seduta tal-Parlament li ser ikun jiltaqa' biex jiddiskuti u jiddibatti l-estimi tal-Budget. Ta' min isemmi li Dr. Frendo kull sena jattendi għall-ikla tradizzjonali li jorganizza l-Kumitat tan-Nar Santa Marija fil-ġranet tal-festa u konna wrejnieh ix-xewqa li norganizzaw din l-attivita'. Hija opportunita' sabiħa li naraw l-għola istituzzjoni tal-pajjiż kif tkun tiffunzjona u għal dawk li ser jattendu minn issa nitolbuhom li barra ilbies diċenti l-irġiel jekk mhux ġlekk tal-inqas nilbsu ġakketta u mportanti li jkollna ngravata. Ma naħsbux li f'dan iż-żmien tas-sena għandha tkun xi problema biex wieħed jilbes ġakketta. Wara l-Parlament ikollna żmien ta' mistrieħ il-Belt Valletta u nkomplu il-programm qabel ma nirritornaw lura Għawdex billi nżuru xi post interessanti. Ix-xewqa tagħna hija li dan il-post ikun marbut mal-festi tal-Milied. Kull min ikollu xi suġġeriment huwa ġentilment mitlub jgħaddihulna biex nikkunsidrawh u ninkluduh fil-programm. Dawk interessati li jipparteċipaw huma ġentilment mitluba jċemplu l-Kunsill fuq 21563056 jew 27563056 sa nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru 2011.

## SKEDA ĠDIDA ĠBIR TAL-ISKART BIEB BIEB U SEPARAT MILL-1 TA' DIĊEMBRU 2011

Kif ħabbarna fl-aħħar ħarġa ta' dawn l-avviżi mill-1 ta' Diċembru 2011 ser immorru biex nibdew nimplimentaw il-kuntratt il-ġdid tal-ġbir tal-iskart bieb bieb u dak separat. Irridu infakkrukom li l-ġbir ser jibda jsir filgħodu u dan is-servizz jibda fis-7.30a.m. miż-Żebbuġ u jibqa' sejjer għal Marsalforn, il-Qbajjar u x-Xwejni. Il-borza s-sewda ser tinġabar nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa. il-Ġimgħa u s-Sibt. Il-borza l-griża ser tinġabar kull nhar ta' Tlieta u l-Ħamis u qegħdin nitolbukom biex ta' nhar ta' Tlieta jkun fiha karti u kartun filwaqt li ta' nhar ta' Ħamis ikun fiha *plastic* u landi jew bottijiet. Jekk il-bżonn ikun jitlob li nżidu xi ġbir speċjalment fix-xhur tas-sajf, f'xi festi jew okkażjonijiet speċjali dawn nagħmluhom u ninfurmawkom minn qabel. L-i*skips on wheels* ser jibqgħu u ser ikunu imbattlin kuljum konxji li qed jiġu abbużati minn nies mhux residenti fil-lokalita' pero' din il-problema diġa bdejna nindirizzawha u ser inkomplu niġġieldu lil dan l-abbuż. Dawn is-servizzi obbligati li noffruhom lir-residenti tagħna BISS. Nisperaw li inkunu nistgħu nżommu l-lokalita' tagħna dejjem nadifa u l-koperazzjoni ta' kullħadd hija tant apprezzata.

## QUDDIESA GĦALL-ERWIEĦ TAL-LOKALITA' TAGĦNA L-ĦADD 27 TA' NOVEMBRU 2011

Bħal fis-snin l-imgħoddija l-Kunsill Lokali ser jorganizza quddiesa għall-erwieħ tal-lokalita' tagħna nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru 2011 fl-10.a.m. fil-kappella taċ-ċimiterju tal-parroċċa ddedikata lil Santa Marija Sultana tal-Erwieħ tal-Purgatorju. Il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ flimkien mal-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn nistiednu lir-residenti tagħna biex jattendu u jipparteċipaw f'din il-quddiesa.

## PARTI MINN TRIQ GĦAJN MHELHEL U TRIQ TA' VILLA FIORITA

Wara talba li għamilna lis-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru kemm il-Kunsill Lokali taż-Żebbuġ kif ukoll il-Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn qabel biex parti minn Triq Għajn Mhelhel sal-blata tal-Munġitar kif ukoll it-triq ta' Villa Fiorita ġewwa Marsalforn ikunu miksija bil-konkos bix-xibka jew *hot asphalt* kif ikun jaqbel. Ġejna nfurmati li ġie approvat mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali li dan ix-xogħol jista' jsir bil-konkos. Intlabna nifformulaw programm ta' kif ser inkunu qegħdin inwettqu dawn ix-xogħlijiet u fil-ġejjieni qrib ser inkunu naħdmu fuq dan il-programm flimkien mad-Dipartiment biex dan il-proġett inkunu nistgħu nwettquh.

## FANALI ĠODDA Ż-ŻEBBUĠ U MARSALFORN U ASFALTAR TA' TOROQ BIL-*HOT ASPHALT*

Waqt l-aħħar laqgħa tal-Kunsill Lokali ġie deċiż li tingħata l-offerta biex issir l-installazzjoni ta' fanali dekorattivi fi Triq Santa Marija ġewwa Marsalforn. Proġett li huwa stmat li ser jiswa s-somma ta' 114,658 Ewro. Fil-każ tal-fanali għal Triq il-Madonna taċ-Ċiċri, Triq l-Għażżiela u parti minn Triq Għajn Mhelhel il-Kunsill iddeċieda li noqgħodu attenti biex nagħtu prijorita' lit-toroq li għandna ordnati għall-kisi bil-*hot asphalt* għax il-prezz tal-offerta li għandna hija kważi t-tripplu ta li kellna. Meta nkunu nafu kemm ser jiswielna l-*hot asphalt* inkunu f'pożizzjoni li niddeċiedu. Dan qegħdin nagħmluh billi dawn il-fanali m'humiex ser ikunu finanzjati kollha mil-U.I.F. Funds u għalhekk parti minnhom ser ikunu finanzjati mill-fondi tal-Kunsill. Ser inżommukom infurmati b'dak li nkunu qeghdin niddeċiedu dwar dawn il-proġetti.

## IL-LABRA TAL-INFLUWENZA

Għadna ma ġejniex infurmati mid-Dipartiment tas-Saħħa Pubblika meta ser jingħatawlna l-labar tal-influwenza. Meta nkunu nfurmati ser navżawkom permezz ta' dawn l-avviżi jew billi nċemplulkom. Qegħdin naħdmu biex din is-sena dan is-servizz jingħata mill-Berġa tar-raħal ġewwa Pjazza l-Assunta wara li għamilna ħafna xogħol u għadna nagħmlu xogħlijiet ta' attrazzjoni biex dejjem tkun waħda aħjar u li tixraq lil lokalita' tagħna għaż-żmienijiet tal-lum.

## IL-ĦINIJIET IL-ĠODDA TAL-LIBRERIJA

Dawn huma l-ħinijiet il-ġodda tal-librerija tal-Kunsill.

**Kull nhar ta' Ħamis mit-8.30a.m. san-12.30p.m.**

**Kull nhar ta' Sibt mill-11.30a.m. sas-1.30p.m.**

**Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ**
Kav. Carmelo Saliba - Sindku
Joe Bajada – Deputat Sindku
Kunsilliera – Joseph Camilleri,
Harry Debono, Victor Refalo

**Kumitat Amministrattiv għal Marsalforn**
Maria Saliba - Chairperson
Emmanuel Debono – Viċi Chairman
Membri tal-Kumitat – George Sacco,
Joseph Zammit, Victor Refalo